**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Joseph Axiak**

Kaz Numru: 309/2015

Illum 13 ta' Ottubru 2015

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Axiak,** iben Saviour u Josephine nee' Mizzi, imwieled fit-30 ta' Lulju 1953, residenti SunValley, Flat 1, Triq l-Ghar ta' Ninu, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 48753 (G), akkuzat talli nhar it-23 ta' Marzu 2015 ghall-habta tal-4:00p.m. f'raba maghrufa bhala Il-Maqjel limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex:

1. Ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006) mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja moghtija bi ksur tar-regolamenti 4(1)(a) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 kif hekk emendat;

2. aktar talli ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza xbieki bi ksur ta' Regolament (7(1)(e) tal-Avviz Legali 79/2006 hekk kif emendat;

3. aktar talli ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza apparat elettriku jew elettroniku specjalment l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur tar-Regolament 7(1)(d) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

4. aktar talli zamm apparat li l-uzu tieghu huwa projbit taht is-subregolament (1) tar-Regolament 7 tal-Avviz Legali 79 tal-2006, u cioe' xbieki u apparat elettriku jew elettroniku specjalment tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar bi ksur ta' Regolament 7(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

5. aktar talli ha jew ipprova jiehu xi ghasfur meta ma kellux licenzja adatta ghal dik l-attivita' mahruga lilu taht ir-Regolamernt dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006) bi ksur ta' Regolament 12(1) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

6. aktar talli hu recediv b'setenza moghtija mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati, Ghawdex nhar l-10 ta' April 2013 liema sentenza hi definittiva u ma tistax tigi mhassra;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-Regolament tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi ghall-perjodu li l-Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Il-Qorti stiednet lid-difiza u l-prosekuzzjoni biex flimkien jaraw il-filmatipprezentat fl-atti.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz wasal ghand l-Pulizija wara rapport li ghamlu il-Committee Against Bird Slaughter (CABS) fit-23 ta' Marzu 2015. Mar-rapport wasal ghand il-Pulizija filmat li kien juri attivita' illegali ta' insib. Il-pulizija investigaw il-kaz u waslu biex identifikaw lill-imputat bhala l-persuna li tidher fir-ritratt u dan anke wara mill-filmat.

Illi l-Qorti semghet lil Fiona Jane Burrows li kienet hi li ghamlet ir-rapport u waslet il-filmat lill-Pulizija.

Il-Qorti tirrimarka li mill-filmat prezentat deher car li l-fattizzi tal-persuna fil-filmat, l-aktar l-imnieher ma jhallix dubju li l-imputat kien il-persuna fid-dura fil-gurnata li ttiehed il-filmat, f'liema gurnata l-istagun ghall-insib kien maghluq.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti hi tal-fehma li l-kacca u l-insib illegali qed jaghmlu isem hazin lill-pajjizna u lill-kaccaturi u n-nassaba stess. Il-Qorti terga' taghmilha cara li l-abbuzi ma jsirux minn kulhadd imma huma l-ftit hafna.

F'dan il-kaz l-imputat ma kkollaborax mal-Pulizija anzi baqa' jinsisti li l-persuna li tidher fil-filmat ma kienx hu u li f'Ghawdex hemm hafna jixbhuh.

Il-pieni ghal dan is-settur huma ta' deterrent bizzejjed u din il-Qorti se tkompli tibghat messagg car. Dan mhux kaz li l-imputat ma jafx bil-konsegwenzi ta' ghemilu ghaliex diga' nstab hati minn din il-Qorti diversament preseduta nhar l-10 ta' April 2013.

Il-Qorti hija konvinta li ghad hemm dawk li jahsbu li jiksru l-ligi ghax hemm cans li ma jinqabdux u jekk jinqabdu hemm cans li ma jinstabux hatja u jekk jinstabu hatja il-piena m'hijiex harxa bizzejjed.

Dan il-kaz għandu jservi ta' twissija lil kulħadd. Fuq kollox, għandu jservi lin-nassaba responsabbli biex iżidu l-kollaborazzjoni tagħhom mall-Pulizija u jgħinu biex jinqabdu dawk irresponsabbli.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Illi din il-Qorti tosserva illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' tal-imputat. Fil-kaz odjern, irrizultaw diversi fatturi, cirkostanzi u indizji illi l-Qorti thoss illi huma sufficjenti biex jigu ppruvati l-ewwel erba' akkuzi kif dedotti kontra l-imputat.

Rigward il-konflitt bejn ix-xhieda moghtija mix-xiehda tal-Prosekuzzjoni u l-imputat, il-Qorti taghmel riferenza ghall-artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 li jghid illi xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatti, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Din il-Qorti jidhrilha illi x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni ghandhom jigu emmnuti peress illi dina tinkwadra fis-shih ma' dawn ir-reati u c-cirkostanzi illi kien jinstab fihom l-imputat.

Il-Qorti kkunsidrat Artiklu 27(2)(a)(b) dwar il-pieni marbuta mar-reati inkwistjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat Regolament 4(1)(a), 7(1)(e), 7(1)(d), 7(2), 12(1) u s-subregolament (1) tar-Regolament 7(1)(d)tal-Avviz Legali 79 tal-2006 kif emendat tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 17(h), 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Joseph Axiak hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-telet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah iħallas multa komplessiva ta' tmint elef Ewro (€8,000).

Inoltre tordna ir-revoka permanenti ta' kull licenzja jew permess tal-insib, kacca u tal-garr u zamm ta' armi f'isem il-hati liema revoka tibda tghodd mis-siegha ta' waranofsinnhar tal-lum.

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**